# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta**
**Tlieta (3) ta' Marzu 2020**

**Rikors Numru 84/20 FDP**

Fl-ismijiet

**Marietta Borg (ID 407177M) eżerċjenti fil-kummerċ bl-isem ta' FM Interiors**

**Vs**

**IAS Ltd**
**(C-12202)**

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors datat 27 ta' Jannar 2020, li permezz tiegħu r-rikorrenti talbet is-segwenti:

   1. *Illi hija tiġġestixxi n-negozju tagħha bl-isem ta' FM Interiors, liema negozju jikkonsisti f'xogħolijiet ta' kostruzzjoni u alterazzjonijiet strutturali, xogħol ta' elettriku u ilma, u xogħolijiet ta' finishings f'diversi propjetajiet tal-klijenti tagħha. Illi f'dawn ix-xogħolijiet, hi assistita minn Franco Paletta;*

   2. *Illi s-soċjeta' intimata, inkarigat lill-esponenti sabiex twettaq diversi xogħolijiet ta' kostruzzjoni, finishings u xogħol ieħor fil-fondi li kellha*

*l-ġestjoni tagħhom, senjatament fi 47, Triq L. Casolani, Birkirkara; "Fawwara" Triq il-Kaless, Santa Venera; f'Fond fi Triq it-Torri, Imsida; 12, Triq Edgar Ferro, Pieta' u 14/15, Triq il-Markiż Żimmermann Barbaro, Sliema;*

3. *Illi l-esponenti, flimkien mat-team tagħha, wettqet diversi xogħolijiet fil-fondi sopra indikati, liema xogħolijiet jammontaw għas-somma ta' disgħa u tletin elf u wieħed Ewro u erbgħa u sebgħin ċenteżmu (€39,001.74), li flimkien mas-somma ta' sebat' elef u għoxrin Ewro u wieħed u tletin ċenteżmu (€7,020.31) VAT, jammontaw għal sitta u erbgħin elf u tnejn u għoxrin Ewro u ħames ċenteżmi (€46,022.05), u dan skont ma jirriżulta mill-annessa fattura mmarkata bħala dokument "A";*

4. *Illi minn dan l-ammont, is-soċjeta' intimata diġa ħallset l-ammont globali ta' disgħa u għoxrin elf, mija u tnejn u tletin Ewro (€29,132.00) biex b'hekk fadal bilanċ globali ta' sittax-il elf, tmien mija u disgħin Ewro u ħames ċenteżmi (€16,890.05) liema bilanċ jirrappreżenta s-somma ta' erbatax-il elf, tlett mija u tlettax-il Ewro u sittin ċenteżmu (€14,313.60) bilanċ fuq xogħolijiet mwettqa u s-somma ta' elfejn, ħames mija u sitta u sebgħin Ewro u ħamsa u erbgħin ċenteżmu (€2,576.45) rappreżentanti VAT fuq dan il-bilanċ;*

5. *Illi minkejja li s-soċjeta' intimata ġiet interprellata diversi drabi sabiex tħallas dan l-ammont, fosthom anke b'ittra ġudizzjarja datata t-28 ta' Frar 2019 (Ittra Nru 683/19) quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili (Ittra Nru 670/2018) is-soċjeta' intimata baqgħet inadempjenti u dan mingħajr ebda raġuni valida fil-fatt jew fid-dritt;*

6. *Illi b'hekk, dan id-dejn huwa ċert, likwidu u dovut u sa fejn taf l-esponenti, s-soċjeta' intimata m'għandha l-ebda eċċezzjoni valida fil-liġi x'tagħti kontra t-talbiet tagħha;*

7. *Illi dawn il-fatti huma magħrufa minn Marietta Borg personalment;*

8. *Illi għalhekk, jinkorru l-elementi kollha rikjesti mil-Liġi a tenur tal-Artikolu 167 et seq. tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta*

*Għaldaqstant, għar-raġunijiet fuq premessi l-esponenti titlob lil dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha:-*

1. *Taqta' u tiddeċiedi dina l-kawża bid-dispensa tas-smiegħ a tenur tal-Artikoli 167 et seq. tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*

2. *Tiddikjara illi s-soċjeta' intimata hija debitriċi versu l-esponenti fl-ammont globali ta' sittax-il elf, tmien mija u disgħin Ewro u ħames ċenteżmi (€16,890.05) liema bilanċ jirrappreżenta s-somma ta' erbatax-il elf, tlett mija u tlettax-il Ewro u sittin ċenteżmu (€14,313.60) bilanċ fuq xogħolijiet mwettqa u s-somma ta' elfejn, ħames mija u sitta u sebgħin Ewro u ħamsa u erbgħin ċenteżmu (€2,576.45) rappreżentanti VAT fuq dan il-bilanċ;*

3. *Tikkundanna lis-soċjeta intimata tħallas lill-esponenti s-somma globali ta' (€16,890.05) flimkien mal-ispejjeż tal-preżenti u tal-ittra ġudizzjarja ppreżentata quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili datata t-28 ta' Frar 2019 (Ittra Nru 683/19) kif ukoll tal-Mandat ta' Sekwestru ppreżentat kontestwalment mal-preżenti, u kwalsijasi mandat ieħor opportun, flimkien mal-imgħax dekorribbli bl-ogħla rata permessibbli mid-data tal-imsemmija ittra ġudizzjarja sad-data tal-pagament effettiv;*

*Bl-ispejjeż, inkluż tal-preżenti.*

2. Rat illi fit-28 ta' Jannar 2020 il-Qorti appuntat il-każ għas-smiegħ għas-27 ta' Frar 2020 fid-09.15 am u ordnat lis-soċjeta' intimata sabiex tidher dakinhar u tirrispondi għat-talbiet tar-rikorrenti intivolati a tenur tal-Artikolu 167 (1) tal-Kap 12 fejn il-Qorti intalbet sabiex tiddeċiedi t-talba bid-dispensa tas-smiegħ tal-kawża.

3. Rat illi fl-4 ta' Frar 2020, is-soċjeta' intimata IAS Ltd ġiet notifikata fl-indirizz 11, Triq Ħal Sajd, Żebbug, Malta (fol 11).

4. Rat illi fis-27 ta' Frar 2020, fid-9.15 am, meta ssejjħet il-kawża, dehret ir-rikorrenti assistita mill-konsulent legali tagħha.

5. Is-soċjeta' intimata u r-rappreżentant tagħha, imsejjħa diversi drabi, ma dehrux, u għalhekk ġiet meqjusa bħala kontumaċi.

6. Rat illi, a tenur tal-Artikolu 170(1) tal-Kap 12, ir-rikorrenti talbet lill-Qorti sabiex tiddeċiedi t-talba attriċi minnufih, billi tilqa' t-talba tar-rikorrent.

7. Rat illi ma hemm ebda raġuni għaliex it-talba rikorrenti ma għandhiex tintlaqa'.

## Konklużjoni

Il-Qorti,

Wara illi rat l-atti kollha proċesswali,

**Tilqa'** t-talbiet tar-rikorrenti kif dedotti;

**Tiddikjara** s-soċjeta' intimata debitriċi versu l-esponenti fl-ammont globali ta' sittax-il elf, tmien mija u disgħin Ewro u ħames ċenteżmi (€16,890.05) liema bilanċ jirrappreżenta s-somma ta' erbatax-il elf, tlett mija u tlettax-il Ewro u sittin ċenteżmu (€14,313.60) bilanċ fuq xogħolijiet mwettqa u s-somma ta' elfejn, ħames mija u sitta u sebgħin Ewro u ħamsa u erbgħin ċenteżmu (€2,576.45) rappreżentanti VAT fuq dan il-bilanċ;

**Tikkundanna** lis-soċjeta' intimata IAS Ltd tħallas lill-esponenti Marietta Borg is-somma globali ta' **sittax-il elf, tmien mija u disgħin Ewro u ħames ċenteżmi (€16,890.05)**;

**Bl-ispejjeż,** inkluż tal-preżenti flimkien mal-ispejjeż tal-preżenti u tal-ittra ġudizzjarja ppreżentata quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili datata t-28 ta' Frar 2019 (Ittra Nru 683/19) kif ukoll tal-Mandat ta' Sekwestru ppreżentat kontestwalment mal-preżenti.

**Imgħax** mit-28 ta' Frar 2019 sad-data tal-pagament effettiv.

**Francesco Depasquale** **LL.D. LL.M. (IMLI)**
**Imħallef**

**Rita Sciberras**
**Deputat Reġistratur**